# Terminoloġija

Suppliment ma' l-aċċent ◊ Ħarġa 15

# Lenti fuq il-Politika Agrikola Komuni (PAK) (II)



INIZJATTIVA terMal

# Lenti fuq il-Politika Agrikola Komuni (PAK) – It-tieni parti

**Il-format tas-suppliment**

Jidher li l-format il-ġdid tas-suppliment li varajna fil-ħarġa 14 intlaqa' tajjeb u għalhekk se jibqa' jsir bl-istess mod. Għall-benefiċċju ta' min qed jara dan is-suppliment għall-ewwel darba se nerġgħu nispjegaw x'qed ninkludu:

- it-termini EN u MT b'rabta mal-qasam ikkonċernat;
- il-kodiċi tal-kunċett li jservi ta' identifikatur fir-repożitorju terminoloġiku IATE (*InterActive Terminology for Europe*), u li nirreferu għalih bħala l-**IATE ID**;
- id-definizzjoni tat-terminu bil-Malti – xi drabi, din tinkorpora termini oħrajn pertinenti li mmarkajna b'tipa grassa biex nindikaw li anke dawn jistgħu jinstabu fil-IATE (fil-fatt, f'dawn il-każijiet, inkludejna wkoll il-**IATE ID** tagħhom fil-parentesi kwadri);
- u fejn disponibbli,
  - i) **nota dwar il-kunċett**, li tkompli tibni fuq it-tagħrif mogħti fid-definizzjoni permezz ta' dettalji ulterjuri/eżempji rilevanti, u/jew
  - ii) **nota dwar it-terminu** Malti kkonċernat li tippreċiża xi dettalji mil-lat tal-lingwa fil-mira, bħal pereżempju r-raġuni għalfejn tkun ġiet ippreferuta forma lessikali/ ortografika minn oħra għal dak il-kuntest partikolari.

**It-terminoloġija tal-PAK mil-lat tal-baġit agrikolu tal-UE**

Fil-ħarġa ta' qabel din ippreżentajna għadd konsiderevoli ta' termini marbuta mal-PAK. Peress li dan il-qasam għal dawn l-aħħar erbgħin sena kien meqjus bħala wieħed mill-aktar importanti għall-Unjoni Ewropea, tradizzjonalment ikkonsma parti kbira mill-baġit tal-UE, għalkemm il-perċentwal naqas b'mod konsistenti tul is-snin.

In-nefqa agrikola hija ffinanzjata minn żewġ fondi li jagħmlu parti mill-baġit ġenerali tal-UE:
i. il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u
ii. il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR).

F'din il-ħarġa se niffukaw fuq it-termini li jintużaw speċifikament fil-baġit agrikolu tal-UE u nittamaw li dawn iservu biex nifhmu dejjem aħjar kif taħdem din is-sistema pjuttost kumplikata li għandha l-objettiv li tgħin lill-bdiewa tal-UE, iżda mhux biss. Iċ-ċittadini Ewropej iħallsu t-taxxi, liema taxxi jikkontribwixxu għall-baġit agrikolu. B'hekk bi dritt jeżiġu li l-flus allokati jintnefqu kif suppost.

Is-sistema tal-baġit agrikolu tal-UE tinkorpora diversi proċeduri ta' kontroll u ta' verifika biex tiżgura li l-fondi allokati jkunu qed jintnefqu skont ir-regoli stabbiliti u f'każ li jkun hemm pagamenti irregolari dawn jiġu individwati u rkuprati mill-aktar fis.[1]

It-Terminologi tal-Kummissjoni Ewropea Jennifer De Barro u Jeantide Naudi
Ikkuntattjana fuq: DGT-TERMAL@ec.europa.eu

---

[1] European Commission, Fact Sheet: Managing the agriculture budget wisely, Office for Official Publications of the European Communities, Luxembourg, 2006: https://ec.europa.eu/agriculture/cap-funding/audit/pdf/2007_en.pdf.

| | | |
|---|---|---|
| **132461** | **corrective measure** | **miżura korrettiva** |
| | Azzjoni biex tissewwa dgħufija.<br><br>**Nota dwar il-kunċett:** Ara wkoll: **miżura ta' kumpens** [ IATE:1078256 ] u nnota d-differenza bejn il-kunċetti. | |

| | | |
|---|---|---|
| **155147** | **agro-meteorological system** | **sistema agrometeoroloġika** |
| | Sistema ta' previżjoni li tuża data agrometeoroloġika biex tgħin bid-deċiżjonijiet marbuta mal-ġestjoni tal-uċuħ. | |

| | | |
|---|---|---|
| **160259** | **systemic irregularity** | **irregolarità sistemika** |
| | Kwalunkwe **irregolarità** [ IATE:748426 ], li tkun ta' natura rikorrenti bi probabbiltà għolja b'okkorrenza fl-istess tip ta' operazzjonijiet, li n-**nuqqas** [ IATE:3568905 ] ta' individwazzjoni tagħha jirriżulta minn nuqqas fil-funzjonament effettiv ta' **sistema ta' ġestjoni u kontroll** [ IATE:1173271 ], inkluż in-nuqqas li jiġu stabbiliti proċeduri xierqa skont ir-**Regolament Finanzjarju** [ IATE:3547753 ] u regoli speċifiċi għall-fondi. | |

| | | |
|---|---|---|
| **749001** | **known error** | **żball magħruf** |
| | Żball identifikat jew barra mill-kampjun jew inkella li jirriżulta minn test komplut ta' **popolazzjoni** [ IATE:1623345 ]/strata delimitata. | |

| | | |
|---|---|---|
| **768522** | **recovery, recovery of receivables** | **rkupru, rkupru ta' riċevibbli** |
| | Il-ġbir ta' ammont riċevibbli. | |

<table>
<tr><td rowspan="2">749067</td><td>formal error</td><td>żball formali</td></tr>
<tr><td colspan="2">Żball mingħajr ebda effett dirett kwantifikabbli fuq l-ammont tat-tranżazzjoni sottostanti għall-fondi żborsati.</td></tr>
</table>

<table>
<tr><td rowspan="2">749591</td><td>ex-post control</td><td>kontroll ex-post</td></tr>
<tr><td colspan="2">Kontroll imwettaq biex jiġu vverifikati l-aspetti finanzjarji u operazzjonali tat-tranżazzjonijiet baġitarji finalizzati.<br><br>Nota dwar il-kunċett: Dawn il-kontrolli (imwettqa f'livelli differenti) jistgħu jikkonsistu minn analiżijiet mhux fuq il-post/eżamijiet dokumentarji [ IATE:3569839 ] u kontrolli/ verifiki fuq il-post [ IATE:3569787 ] u għandhom l-għan li jikkontrollaw li ġew irrispettati l-legalità, ir-regolarità u l-ġestjoni finanzjarja tajba.</td></tr>
</table>

<table>
<tr><td rowspan="2">768522</td><td>recovery, recovery of receivables</td><td>rkupru, rkupru ta' riċevibbli</td></tr>
<tr><td colspan="2">Il-ġbir ta' ammont riċevibbli.</td></tr>
</table>

<table>
<tr><td rowspan="2">870332</td><td>disallowance, disallowance of expenditure, exclusion of expenditure</td><td>rifjut li tiġi koperta nefqa, rifjut ta' teħid ta' responsabbiltà għal nefqa</td></tr>
<tr><td colspan="2">It-tneħħija ta' ammonti li ntefqu b'mod mhux xieraq minn Stat Membru mill-finanzjament tal-agrikoltura tal-Unjoni Ewropea.</td></tr>
</table>

<table>
<tr><td rowspan="2">890516</td><td>intervention measure, public intervention measure</td><td>miżura ta' intervent, miżura ta' intervent pubbliku</td></tr>
<tr><td colspan="2">Strument ta' ġestjoni tal-kummerċjalizzazzjoni skont l-organizzazzjoni komuni tas-suq unika [ IATE:2242156 ] li permezz tiegħu l-Unjoni Ewropea tkun tista' tistabbilizza l-prezzijiet għall-prodotti agrikoli fis-swieq interni tagħha.</td></tr>
</table>

<table>
<tr><td rowspan="2">930068</td><td>farm advisory system</td><td>sistema konsultattiva għall-azjendi agrikoli</td></tr>
<tr><td colspan="2">Sistema ta' konsulenza dwar il-ġestjoni ta' artijiet u azjendi agrikoli għall-benefiċjarji li titħaddem minn korpi pubbliċi maħtura u/jew minn korpi privati magħżula.</td></tr>
</table>

<table>
<tr><td rowspan="2">1067382</td><td>coordinating body</td><td>korp ta' koordinazzjoni</td></tr>
<tr><td colspan="2">Korp pubbliku assenjat il-kompiti li ġejjin:<br>(a) li jiġbor l-informazzjoni li għandha tkun disponibbli għall-Kummissjoni u li jibgħat dik l-informazzjoni lill-Kummissjoni;<br><br>(b) li jittieħdu jew li jiġu kkoordinati, skont il-każ, azzjonijiet bl-għan li jiġi riżolt kwalunkwe nuqqas ta' natura komuni u biex il-Kummissjoni tinżamm mgħarrfa bi kwalunkwe segwitu;<br><br>(c) li jippromwovi u, fejn possibbli, jiżgura l-applikazzjoni armonizzata tar-regoli tal-Unjoni.<br><br>Nota dwar il-kunċett: Ara wkoll: korp ta' koordinazzjoni [ IATE:3569233 ] kif użat fir-Regolament (UE) 1303/2013.</td></tr>
</table>

<table>
<tr><td rowspan="2">1077820</td><td>validation, validation of expenditure</td><td>validazzjoni, validazzjoni tan-nefqa</td></tr>
<tr><td colspan="2">L-att li permezz tiegħu l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni [ IATE:791008 ] responsabbli: (a) jivverifika l-eżistenza tad-dritt tal-kreditur; (b) jiddetermina jew jivverifika l-verità u l-ammont tat-talba; (c) jivverifika l-kundizzjonijiet li skonthom huwa dovut il-ħlas.<br><br>Nota dwar il-kunċett: Ara wkoll: awtorizzazzjoni tan-nefqa [ IATE:759902 ] u nnota d-differenza bejn il-kunċetti.</td></tr>
</table>

<table>
<tr><td rowspan="2">924551</td><td>small farmers scheme</td><td>skema għall-bdiewa żgħar</td></tr>
<tr><td colspan="2">Skema simplifikata ta' pagament dirett għall-għoti ta' pagament, li l-livell tiegħu jiġi determinat mill-Istat Membru iżda li ma jaqbiżx EUR 1250, lil dawk il-bdiewa li jiddeċiedu li jipparteċipaw fl-iskema.<br><br>Nota dwar il-kunċett: L-iskema għall-bdiewa żgħar tinkludi proċeduri amministrattivi simplifikati. Il-bdiewa parteċipanti huma eżentati minn sanzjonijiet u kontrolli ta' titjib ekoloġiku u ta' kundizzjonalità. L-Istati Membri jistgħu jallokaw sa 10% tal-allokazzjoni tal-pagament dirett tagħhom għal din l-iskema.</td></tr>
</table>

| | | |
|---|---|---|
| **3568905** | **weakness, deficiency** | **nuqqas** |
| | Fl-ambitu tal-proċeduri tal-kontabilità tal-UE, insuffiċjenza li tinstab waqt il-proċedura tal-**approvazzjoni tal-konformità** [ IATE:2232459 ] u li tagħti lok għall-korrezzjonijiet finanzjarji [ IATE:748904 ].<br><br>**Nota dwar il-kunċett:** Mhuwiex nuqqas fis-sens ta' xi ħaġa nieqsa iżda xi ħaġa li ma ssirx sew jew kif suppost. Il-proċedura mbagħad tissejjaħ **proċedura nieqsa** [ IATE:3569238 ]. Ara wkoll: **irregolarità** [ IATE:748426 ] u nnota d-differenza bejn il-kunċetti. | |

| | | |
|---|---|---|
| **1078256** | **compensating measure, compensation measure, compensatory measure** | **miżura ta' kumpens** |
| | It-tiswija ta' nuqqas f'termini finanzjarji (kumpens finanzjarju).<br><br>**Nota dwar il-kunċett:** Ara wkoll: **miżura korrettiva** [ IATE:132461 ] u nnota d-differenza bejn il-kunċetti. | |

| | | |
|---|---|---|
| **1078260** | **paying agency** | **aġenzija tal-pagamenti, aġenzija tal-ħlas** |
| | Awtoritajiet imwaqqfa mill-Istati Membri sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-PAK b'rabta mal-finanzjamant ta' diversi fondi u li joffru biżżejjed garanziji li l-ammissibilità tat-talbiet u tal-konformità mar-regoli tal-UE jiġu ċċekkjati qabel ma jsir il-ħlas, il-ħlasijiet jiġu dokumentati sew fil-kotba tal-kontijiet u d-dokumenti neċessarji jiġu sottomessi fil-ħin u fil-forma mitluba mir-regoli tal-UE.<br><br>**Nota dwar it-terminu:** Dan l-eżempju huwa wieħed minn ħafna, fejn f'Malta, il-Gvern juża 'Aġenzija tal-Pagamenti' u mhux 'Aġenzija tal-Ħlas'. Eżempju ieħor huwa l-Liġi ta' Malta, il-Kapitolu 117, l-Att dwar il-Provvisti u s-Servizzi. | |

| | | |
|---|---|---|
| **1083091** | **substantive test, substantive testing** | **test sostantiv, ttestjar sostantiv** |
| | Test li jiddetermina l-ammont ta' klassi partikolari ta' elementi u li jrid ikopri r-riskji b'rabta mad-detezzjoni filwaqt li jfittex li jkejjel l-ammont ta' **dikjarazzjonijiet skorretti** [ IATE:3519936 ] minħabba nuqqasijiet fis-sistema ta' kontroll intern. | |

| 1102048 | **intervention agency** | **aġenzija tal-intervent** |
|---|---|---|
| | Korp li jista' jiġi ddelegat is-setgħat tal-**aġenzija tal-pagamenti** [ IATE:1078260 ] biex jieħu ħsieb u jiżgura l-kontroll tal-operat marbut mal-**miżuri ta' intervent** [ IATE:890516 ] relatati mal-**ħżin pubbliku** [ IATE:1137036 ]. | |

| 1137036 | **public storage** | **ħżin pubbliku** |
|---|---|---|
| | **Nota dwar il-kunċett:** Sabiex jiġi ġestit is-suq ta' prodott partikolari tal-farms, l-Unjoni Ewropea tista' tneħħi xi ftit mill-prodott mis-suq u taħżnu temporanjament. Il-maħżen jista' jkun proprjetà tal-gvern jew ta' xi korp pubbliku ieħor. Alternattivament, il-maħżen jista' jkun proprjetà privata, pereżempju ta' bidwi jew ta' kooperattiva. Meta l-prodott jitqiegħed f'maħżen li jkun proprjetà tal-awtoritajiet pubbliċi jew imwelli minnhom, l-Unjoni Ewropea tingħad li tkun 'irtirat xi ftit mill-prodott mis-suq u qegħditu fi ħżin pubbliku (jew stokks ta' intervent)'. | |

| 1173271 | **management and control system** | **sistema ta' ġestjoni u kontroll** |
|---|---|---|
| | Fil-qafas tal-irkupru tan-nefqa ddebitata lill-fond tal-iżvilupp agrikolu u rurali, il-**kontrolli** amministrattivi u **ta' fuq il-post** [ IATE:3569787 ] kollha li jridu jitwettqu mill-Istati Membri biex tiġi żgurata l-konformità mal-leġiżlazzjoni li tirregola skemi ta' appoġġ mill-Unjoni bl-għan li jitnaqqas għall-minimu r-riskju ta' ħsara finanzjarja lill-Unjoni.<br><br>**Nota dwar il-kunċett:** Il-Kummissjoni fir-responsabbiltà tagħha għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej għandha tiżgura li l-Istati Membri jkollhom sistemi ta' ġestjoni u kontroll li jaħdmu sewwa biex il-fondi Komunitarji jintużaw b'effiċjenza u b'korrettezza. | |

| 1225265 | **budget discipline** | **dixxiplina baġitarja** |
|---|---|---|
| | Impenn biex l-infiq jinżamm skont il-FAEG miftiehem bis-sottolivell tal-FAEG kif stabbilit mill-baġit tal-UE, u jinżammu l-objettivi adottati, fi żmien il-perjodu baġitarju.<br><br>**Nota dwar il-kunċett:** Ara wkoll: **dixxiplina baġitarja** [ IATE:768412 ] fil-kuntest tar-Regolament Finanzjarju tal-UE. | |

| | | |
|---|---|---|
| **1239841** | **reconciliation, account reconciliation, reconciliation of accounts** | **rikonċiljazzjoni, rikonċiljazzjoni tal-kontijiet** |
| | Paragun ta' żewġ kontijiet simili bl-għan li jiġi kkonfermat li jaqblu bejniethom jew biex tinstab ir-raġuni għad-differenza bejniethom sabiex tiġi kkonfermata l-affidabilità tagħhom. | |

| | | |
|---|---|---|
| **1270624** | **conciliation body** | **korp ta' konċiljazzjoni** |
| | Korp magħmul minn tal-anqas ħames membri indipendenti mill-esperti tal-Istati Membri differenti u inkarigat iwettaq dawn il-kompiti: (a) jeżamina kwalunkwe kwistjoni referita lilu minn Stat Membru li jkun irċieva komunikazzjoni formali mill-Kummissjoni skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 34(3) tar-Regolament (UE) 908/2014, inkluża evalwazzjoni tal-infiq li l-Kummissjoni jkollha l-ħsieb teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni; (b) jipprova jirrikonċilja l-pożizzjonijiet diverġenti tal-Kummissjoni u tal-Istat Membru kkonċernat; (c) fi tmiem l-eżami tiegħu, iħejji rapport dwar ir-riżultati tal-isforzi ta' rikonċiljazzjoni tiegħu, filwaqt li jagħmel rimarki li jqis li huma utli jekk il-punti kollha tat-tilwima jew uħud minnhom jibqgħu mhux riżolti. | |

| | | |
|---|---|---|
| **1346615** | **confidence factor** | **fattur ta' kunfidenza** |
| | Il-**livell ta' kunfidenza** [ IATE:3519348 ] mogħti bħala proporzjon iktar milli bħala perċentwal.<br><br>**Nota dwar il-kunċett:** Ara wkoll: **intervall ta' kunfidenza** [ IATE:1567822 ]. | |

| | | |
|---|---|---|
| **1567822** | **confidence interval** | **intervall ta' kunfidenza** |
| | Firxa stmata ta' valuri li x'aktarx jinkludu l-parametru ta' popolazzjoni mhux magħrufa, li tkun stmata abbażi ta' kalkolu fuq ġabra partikolari ta' kampjun ta' dati. | |

| | | |
|---|---|---|
| **1623345** | **population** | **popolazzjoni** |
| | L-aggregat tal-unitajiet kollha li jkollhom tal-anqas proprjetà waħda komuni u li jkunu s-suġġett ta' analiżi statistika. | |

| | | |
|---|---|---|
| **1745234** | **risk analysis** | **analiżi tar-riskju** |

| | | |
|---|---|---|
| **1757321** | **certainty factor, credibility factor** | **fattur ta' ċertezza,<br>fattur ta' kredibbiltà** |
| | Valur numeriku li jesprimi sa liema punt, abbażi ta' sett ta' evidenza, għandha tiġi aċċettata l-konklużjoni mogħtija. | |

| | | |
|---|---|---|
| **2146475** | **intermediate body** | **korp intermedjarju** |
| | Kwalunkwe korp pubbliku jew privat li jaġixxi taħt ir-responsabilità ta' **awtorità ta' ġestjoni** [ IATE:2147119 ] jew **awtorità ta' ċertifikazzjoni** [ IATE:2217706 ], jew li jwettaq dmirijiet għan-nom ta' awtorità bħal din, fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' implimentazzjoni tal-benefiċjarji. | |

| | | |
|---|---|---|
| **2147119** | **management authority,<br>managing authority** | **awtorità maniġerjali,<br>awtorità ta' ġestjoni** |
| | Korp, iddeżinjat minn Stat Membru tal-UE fil-livell nazzjonali, reġjonali jew f'xi livell ieħor, għall-ġestjoni ta' programmi li jirċievu appoġġ mill-Fondi Strutturali, u responsabbli biex jinforma lill-benefiċjarji potenzjali, jagħżel il-proġetti u b'mod ġenerali jimmonitorja l-implimentazzjoni tagħhom.<br><br>**Nota dwar it-terminu:** Partikolarment fl-oqsma ambjentali, tat-trasport u kummerċjali, lokalment tintuża aktar 'mmaniġjar/mmaniġġjar' (u l-forom l-oħra 'maniġer', 'maniġerjali' u 'maniġment' skont il-kuntest) u mhux 'ġestjoni', madankollu 'ġestjoni' hija lessikalment sinonima ta' 'mmaniġġjar' u korretta. Għaldaqstant qed jintgħażel terminu mnissel minn 'immaniġjar' abbażi tal-preferenza lokali. | |

| | | |
|---|---|---|
| **2149018** | **recurrence** | **rikorrenza** |
| | Azzjoni ta' ripetizzjoni ta' att relatat ma' **nuqqas** [ IATE:3568905 ] f'sistema fejn **korrezzjoni finanzjarja** [ IATE:748904 ] tkun ġa ġiet applikata mill-Kummissjoni Ewropea iżda n-nuqqas jibqa' hemm.<br><br>**Nota dwar il-kunċett:** Ara wkoll: **riokkorrenza/okkorrenza mill-ġdid** [ IATE:3569811 ] u **ripetizzjoni** [ IATE:3569863 ]. | |

| | | |
|---|---|---|
| **2149542** | **scrutiny** | **skrutinju** |
| | Eżami sistematiku u bir-reqqa, imwettaq mill-Istati Membri, tad-dokumenti kummerċjali ta' dawk l-entitajiet li jirċievu jew jagħmlu l-pagamenti relatati direttament jew indirettament mas-sistema ta' finanzjament tal-**FAEG** [ IATE:2114149 ], jew ir-rappreżentanti tagħhom (l-'impriżi') sabiex jiżguraw li t-tranżazzjonijiet li jiffurmaw parti mis-sistema ta' finanzjament tal-FAEG twettqu tassew u ġew eżegwiti b'mod korrett. | |

| | | |
|---|---|---|
| **2151098** | **undue payment, irregular payment** | **pagament mhux dovut, pagament irregolari** |
| | Għajnuna li ma setgħetx jew ma kellhiex tiġi allokata lill-benefiċjarju għax il-benefiċjarju ma jikkonformax mal-kriterji tal-eliġibbiltà, mal-impenji jew ma' obbligi oħra relatati mal-kundizzjonijiet għall-għoti ta' għajnuna jew appoġġ, kif provdut fil-leġiżlazzjoni agrikola settorjali. | |

| | | |
|---|---|---|
| **3519342** | **completeness** | **kompletezza** |
| | Asserzjoni li l-ammonti sħaħ tat-tranżazzjonijiet kollha ġew irreġistrati, mingħajr żbalji, li l-bilanċi kollha rrappurtati tal-assi, tal-obbligazzjonijiet, u tal-ekwitajiet ġew irrappurtati b'mod sħiħ u li l-informazzjoni kollha żvelata hija fl-ammonti korretti u li jirriflettu l-valuri proprji tagħhom. | |

| | | |
|---|---|---|
| **3516065** | **funds wrongly paid, amount wrongly paid, amount unduly spent, amount paid unduly** | **fondi mħallsa bi żball, ammont imħallas bi żball, ammont minfuq indebitament, ammont imħallas indebitament** |

| | | |
|---|---|---|
| **2217706** | **certifying authority** | **awtorità ta' ċertifikazzjoni** |
| | Awtorità pubblika jew korp nazzjonali, reġjonali jew lokali maħtura minn Stat Membru tal-UE biex ifasslu u jippreżentaw lill-Kummissjoni l-applikazzjonijiet tal-pagamenti skont il-programm operazzjonali, iħejju l-kontijiet, jiċċertifikaw il-kompletezza, l-akkuratezza u l-veraċità tagħhom u li n-nefqa mdaħħla fihom tkun konformi mar-regoli tal-UE u dawk nazzjonali applikabbli.<br><br>**Nota dwar il-kunċett:** Ara wkoll: **korp taċ-ċertifikazzjoni** [ IATE:3501592 ] u nnota d-differenza bejn il-kunċetti. | |

| | | |
|---|---|---|
| **2217707** | **auditing authority, audit authority** | **awtorità tal-awditjar** |
| | Awtorità pubblika jew korp nazzjonali, reġjonali jew lokali li mil-lat funzjonali jkunu indipendenti mill-**awtorità ta' ġestjoni** [ IATE:2147119 ] u l-**awtorità taċ-ċertifikazzjoni** [ IATE:2217706 ], maħtura minn Stat Membru għal programm operazzjonali ffinanzjat mill-Unjoni Ewropea biex jiġi żgurat li l-awditi jitwettqu fuq il-funzjonament xieraq tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll tal-programm operazzjonali u fuq kampjun xieraq tal-operazzjonijiet abbażi tan-nefqa ddikjarata filwaqt li jitqiesu standards tal-awditjar aċċettati internazzjonalment.<br><br>**Nota dwar il-kunċett:** Ara wkoll: **korp tal-awditjar** [ IATE:3569232 ] u **korp tal-awditjar indipendenti** [ IATE:2217708 ]. | |

| | | |
|---|---|---|
| **2217708** | **independent audit body** | **korp tal-awditjar indipendenti** |
| | **Awtorità tal-awditjar** [ IATE:2217707 ], jew kwalunkwe korp ġuridiku ieħor pubbliku jew privat bil-kapaċità tal-awditjar meħtieġa, li tkun indipendenti mill-**awtorità ta' ġestjoni** [ IATE:2147119 ] u fejn applikabbli, tal-**awtorità taċ-ċertifikazzjoni** [ IATE:2217706 ], u li għandha twettaq ħidmietha billi tqis l-istandards tal-awditjar aċċettati internazzjonalment. | |

| | | |
|---|---|---|
| **2232459** | **conformity clearance, compliance clearance, conformity clearance procedure** | **approvazzjoni tal-konformità, proċedura tal-approvazzjoni tal-konformità** |
| | Proċedura mfassla biex teskludi n-nefqa mill-finanzjament tal-UE li ma tkunx tħallset f'konformità mar-regoli tal-UE.<br><br>**Nota dwar it-terminu:** Fil-kuntest tal-kontijiet tal-UE biss. F'kuntesti oħra 'clearing' mhux neċessarjament 'approvazzjoni' imma spiss 'ikklerjar'. | |

| | | |
|---|---|---|
| **3501592** | **certifying body, certification body** | **korp taċ-ċertifikazzjoni** |
| | Korp tal-awditjar pubbliku jew privat u mill-aspett operazzjonali indipendenti mill-**aġenzija tal-pagamenti** [ IATE:1078260 ] u mill-korp ta' koordinazzjoni konċernat kif ukoll mill-awtorità li tkun akkreditat lill-aġenzija, maħtur minn Stat Membru biex jipprovdi opinjoni, imfassla skont l-istandards tal-awditjar aċċettati internazzjonalment, dwar il-kompletezza, l-akkuratezza u l-veraċità tal-kontijiet annwali tal-aġenzija tal-pagamenti, dwar il-funzjonament xieraq tas-sistema ta' kontroll intern tagħha u dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa li għaliha ntalab ir-rimbors mingħand il-Kummissjoni filwaqt li tiddikjara wkoll jekk l-eżami jiddubitax l-asserzjonijiet li jkunu saru fid-dikjarazzjoni tal-ġestjoni. | |

| 3519916 | material error | żball materjali |
|---|---|---|
| | Żball li jkun hemm f'dikjarazzjoni finanzjarja li jkun kbir biżżejjed biex jitqies importanti u li jinfluwenza d-deċiżjonijiet li l-utenti jieħdu abbażi tiegħu. | |

| 3519936 | misstatement | dikjarazzjoni skorretta |
|---|---|---|
| | Id-differenza bejn l-ammont, il-klassifikazzjoni, il-preżentazzjoni, jew id-divulgazzjoni ta' partita ta' dikjarazzjoni finanzjarja rrappurtata u l-ammont, il-klassifikazzjoni, il-preżentazzjoni, jew id-divulgazzjoni meħtieġa biex il-partita tkun skont il-qafas tar-rappurtar finanzjarju applikabbli.<br><br>**Nota dwar il-kunċett:** Id-dikjarazzjonijiet skorretti jistgħu jkunu riżultat ta' żball jew ta' frodi. Ara wkoll: **dikjarazzjoni skorretta tollerabbli** (kunċett idjeq) [ IATE:3544578 ] u **riskju ta' dikjarazzjoni skorretta materjali** (kunċett relatat) [ IATE:3522534 ]. | |

| 3552107 | agricultural financial year | sena finanzjarja agrikola |
|---|---|---|
| | Perjodu li jibda mis-16 ta' Ottubru ta' sena N-1 u jintemm fil-15 ta' Ottubru tas-sena N. | |

| 3561135 | payment claim | talba għal pagament |
|---|---|---|
| | Talba mingħand benefiċjarju għal pagament mingħand l-awtoritajiet nazzjonali skont ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013. | |

| 3519348 | confidence level, assurance, assurance level, reliability level | livell ta' kunfidenza, assigurazzjoni, livell ta' assigurazzjoni, livell ta' affidabbiltà |
|---|---|---|
| | Il-probabilità li l-parametru li qed jiġi stmat mill-istatistika jaqa' fi ħdan l-**intervall ta' kunfidenza** [ IATE:1567822 ] u jirrappreżenta l-grad ta' kunfidenza, jew ċertezza, li r-riċerkatur jrid ikun jista' jpoġġi fl-intervall ta' kunfidenza.<br><br>**Nota dwar il-kunċett:** Ara wkoll: **koeffiċjent ta' kunfidenza** [ IATE:1346615 ]. Innota d-differenza bejn dawn il-kunċetti: **fattur ta' ċertezza** [ IATE:1757321 ] u **fattur ta' kredibbiltà** [ IATE:1757321 ]. | |

| | | |
|---|---|---|
| **3567525** | **error rate** | **rata ta' żball** |

| | | |
|---|---|---|
| **3568923** | **non-compliance,<br>non-conformity** | **nonkonformità,<br>nuqqas ta' konformità** |
| | Għall-kriterji tal-eliġibbiltà, l-impenji jew obbligi oħra b'rabta mal-kundizzjonijiet għall-għoti tal-għajnuna jew l-appoġġ imsemmija fl-Artikolu 67(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, kwalunkwe nuqqas ta' rispett ta' dawk il-kriterji tal-eliġibbiltà, l-impenji jew obbligi oħra; jew għall-**kundizzjonalità** [ IATE:2242154 ], nonkonformità mar-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, mal-**istandards għal kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba** [ IATE:2229441 ] ddefiniti mill-Istati Membri skont l-Artikolu 94 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, jew maż-żamma ta' mergħat permanenti msemmija fl-Artikolu 93(3) ta' dak ir-Regolament.<br><br>**Nota dwar il-kunċett:** Tista' tkun ir-riżultat ta' **omissjoni** [ IATE:3569866 ] jew ta' xi ħaġa li saret ħażin. Ara l-Artikolu 91(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013. | |

| | | |
|---|---|---|
| **3569048** | **compliance testing** | **ttestjar tal-konformità** |
| | Test li jiddetermina jekk humiex qegħdin jitħarsu l-kontrolli.<br><br>**Nota dwar il-kunċett:** It-tweġiba għal test ta' konformità hija 'iva' jew 'le'. Dawn it-testijiet għandhom ikopru r-riskji ta' kontroll. Eżempju ta' dan huwa test biex jiġi ddeterminat li l-kontrolli kollha fil-lista ta' kontroll huma mħarsa kif xieraq (tkopri r-riskji ta' kontroll), jew jivverifika l-adegwatezza tal-kontrolli fid-dawl tar-rekwiżiti ta' eliġibbiltà. Eżempju ieħor jista' jkun l-intraċċar ta' kampjun ta' pagamenti vvalidati għall-awtorizzazzjoni tal-pagament u/jew l-eżekuzzjoni tal-pagament u/jew l-istadju/stadji ta' kontabbiltà. Jistgħu jiġu identifikati testijiet ta' konformità speċifiċi f'kull stadju ta' kontroll. | |

| | | |
|---|---|---|
| **3569130** | **letter of findings** | **ittra tas-sejbiet** |
| | Ittra li fil-qosor tippreżenta l-fatti rigward il-kwistjoni allegata mingħand iż-żewġ partijiet, tikkonkludi tkunx saret kontravenzjoni tar-regola u tindika kwalunkwe azzjoni korrettiva meħtieġa. | |

| | | |
|---|---|---|
| **3507695** | **off-setting** | **tpaċija** |

| | | |
|---|---|---|
| **3569191** | **delegated body** | **korp delegat** |
| | Korp li jista' jiġi ddelegat bil-kompiti tal-**aġenzija tal-pagamenti** [ IATE:1078260 ] ta' Stat Membru għajr il-kompitu tal-pagamenti. | |

| | | |
|---|---|---|
| **3569232** | **audit body** | **korp tal-awditjar** |
| | Korp maħtur mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru biex iwettaq eżami qabel tingħata kwalunkwe **akkreditazzjoni** [ IATE:3569098 ] lil **aġenzija tal-pagamenti** [ IATE:1078260 ] (rieżami qabel l-akkreditazzjoni), li jista' jkun awtorità tal-awditjar, jew organizzazzjoni oħra privata jew pubblika jew unità organizzattiva ta' awtorità bil-profiċjenza, il-ħiliet u l-kapaċitajiet meħtieġa biex twettaq l-awditi u li trid tkun indipendenti mill-aġenzija tal-ħlas li se tiġi akkreditata.<br><br>**Nota dwar il-kunċett:** Ara wkoll: **korp tal-awditjar indipendenti** [ IATE:2217708 ] u **awtorità tal-awditjar** [ IATE:2217707 ] u nnota d-differenza bejn il-kunċetti. | |

| | | |
|---|---|---|
| **3569233** | **coordination body** | **korp ta' koordinazzjoni** |
| | Korp maħtur minn Stat Membru fejn Stat Membru jaħtar iktar minn awtorità tal-awditjar waħda sabiex jiffaċilita l-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea mal-awtoritajiet tal-awditjar.<br><br>**Nota dwar il-kunċett:** Ara wkoll **korp ta' koordinazzjoni** [ IATE:1067382 ] kif jintuża fil-kuntest tar-Regolament (UE) 1306/2013. | |

| | | |
|---|---|---|
| **3569238** | **deficient procedure** | **proċedura nieqsa** |
| | Proċedura li tippreżenta **nuqqas** [ IATE:3568905 ] wieħed jew aktar u li tagħti lok għal **korrezzjoni finanzjarja** [ IATE:748904 ].<br><br>**Nota dwar il-kunċett:** Din hija proċedura li titwettaq mill-**aġenzija tal-pagamenti** [ IATE:1078260 ] u li tkun nieqsa, jiġifieri li fiha xi nuqqasijiet, u **n-nuqqas(ijiet)** [ IATE:3568905 ] jiġi/u individwat/i waqt il-**proċedura tal-approvazzjoni tal-konformità** [ IATE:2232459 ].<br><br>**Nota dwar it-terminu:** Hawnhekk l-aġġettiv 'nieqsa' jrid ifisser illi l-proċedura kellha xi nuqqasijiet, kienet defiċjenti. Ma ntużax it-terminu ekwivalenti 'proċedura defiċjenti' biex tinżamm konsistenza mar-Regolamenti fis-seħħ b'rabta ma' dan il-qasam fejn l-ekwivalenti ta' 'deficiencies' insibuha dejjem bħala 'nuqqasijiet'. | |

| | | |
|---|---|---|
| 3569777 | **positive correction** | **korrezzjoni pożittiva** |
| | Rimbors ta' ammont li preċedentement ġie ddikjarat lill-**FAEG** [ IATE:2114149 ] jew lill-**FAEŻR** [ IATE:933855 ] li sar jew permezz ta' deċiżjoni ta' **approvazzjoni finanzjarja** [ IATE:3540728 ] jew ta' deċiżjoni ta' **approvazzjoni tal-konformità** [ IATE:2232459 ]. | |

| | | |
|---|---|---|
| 3569782 | **material misstatement** | **dikjarazzjoni skorretta materjali** |
| | **Dikjarazzjoni skorretta** [ IATE:3519936 ] marbuta mal-informazzjoni inkluża fid-dikjarazzjoni finanzjarja u li, jekk tkun preżenti, imbagħad id-dikjarazzjoni finanzjarja tista' taffettwa d-deċiżjonijiet ekonomiċi tal-utenti tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji. | |

| | | |
|---|---|---|
| 3569787 | **on-the-spot control,**<br>**on-the-spot check** | **kontroll fuq il-post,**<br>**verifika fuq il-post** |
| | Tip ta' **kontroll ex-post** [ IATE:749591 ] li jikkonsisti minn verifiki li jitwettqu fil-post fejn titwettaq l-attività, u li hu differenti mill-verifiki li jsiru fl-uffiċċji fuq id-dokumenti (**analiżi mhux fuq il-post/eżami dokumentarju** [ IATE:3569839 ]). | |

| | | |
|---|---|---|
| 3569791 | **cross-check** | **kontroverifika** |
| | Meta biċċa informazzjoni tiġi ċċekkjata ma' sorsi varji biex tiġi vverifikata l-akkuratezza tagħha. | |

| | | |
|---|---|---|
| **3569805** | **deferral decision** | **deċiżjoni ta' differiment** |
| | Għall-Istati Membri li huma soġġetti għall-għajnuna finanzjarja skont ir-Regolament (KE) Nru 332/2002, ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 407/2010, u t-Trattat li jistabbilixxi l-**Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà** [ IATE:3536803 ], deċiżjoni li ttieħdet mill-Kummissjoni Ewropea, fuq talba tal-Istati Membri u wara li ġie kkonsultat il-**Kumitat dwar il-Fondi Agrikoli** [ IATE:2215597 ], li tiddiferixxi, għal perjodu mhux itwal minn 24 xhar mid-data tal-adozzjoni tagħha, l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet adottati wara l-1 ta' Mejju 2015 skont l-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013. | |

| | | |
|---|---|---|
| **3569806** | **deferral period** | **perjodu ta' differiment** |
| | Għall-Istati Membri li huma soġġetti għall-assistenza finanzjarja skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002, ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 407/2010, u t-Trattat li jistabbilixxi l-**Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà** [ IATE:3536803 ], perjodu li ma jaqbiżx l-24 xahar mid-data tal-adozzjoni tad-**deċiżjoni ta' differiment** [ IATE:3569805 ] li matulu t-twettiq tad-deċiżjonijiet adottati wara l-1 ta' Mejju 2015 skont l-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 jiġi differit. | |

| | | |
|---|---|---|
| **3569809** | **issuing authority** | **awtorità tal-ħruġ** |
| | Awtorità kompetenti għall-ġestjoni tas-sistemi tal-IT li jintużaw biex jinħolqu, jiġu proċessati u ġestiti l-komunikazzjonijiet, id-dokumenti u t-titoli u li tistampa u tiċċertifika bħala ġenwini d-dokumenti meħtieġa għall-verifika matul awditu jekk l-awtoritajiet kompetenti ma jkunux jistgħu jaċċessawhom minħabba differenzi fis-sistemi tal-IT. | |

| | | |
|---|---|---|
| **3569810** | **annual premium** | **primjum annwali** |
| | Appoġġ b'rabta mal-afforestazzjoni u l-ħolqien ta' żoni msaġġra mogħti lil sidien ta' art privata u pubblika u lill-assoċjazzjonijiet tagħhom għal kull ettaru u fis-sena biex ikopru l-kostijiet ta' introjtu agrikolu mitluf u l-manutenzjoni, inkluż tindif bikri u tard, għal perjodu massimu ta' tnax-il sena. | |

| | | |
|---|---|---|
| **3569811** | **reoccurrence** | **okkorrenza mill-ġdid, riokkorrenza** |
| | **Nonkonformità/nuqqas ta' konformità** [ IATE:3568923 ] bl-istess rekwiżit jew **standard iddeterminat/a** [ IATE:3569812 ] iktar minn darba f'perjodu konsekuttiv ta' tliet snin kalendarji, bil-kundizzjoni li l-benefiċjarju ġie avżat dwar in-nuqqas ta' konformità/ nonkonformità preċedenti u, skont il-każ, kellu l-possibbiltà jieħu l-miżuri meħtieġa biex iwaqqaf in-nonkonformità/nuqqas ta' konformità preċedenti.<br><br>**Nota dwar il-kunċett:** Ara wkoll: **nonkonformità ripetuta/nuqqas ta' konformità ripetut** [ IATE:3569860 ], **rikorrenza** [ IATE:2149018 ] u **ripetizzjoni** [ IATE:3569863 ]. | |

| | | |
|---|---|---|
| **3569812** | **non-compliance determined** | **nuqqas ta' konformità ddeterminata, nonkonformità ddeterminata** |
| | **Nonkonformità/nuqqas ta' konformità** [ IATE:3568923 ] li tiġi stabbilita b'konsegwenza ta' kwalunkwe verifika li titwettaq skont l-Artikolu 74 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 jew wara li l-awtorità ta' kontroll kompetenti jew l-**aġenzija tal-pagamenti** [ IATE:1078260 ] tkun ġiet infurmata dwar tali nuqqas bi kwalunkwe mod ieħor. | |

| | | |
|---|---|---|
| **3569813** | **intentional non-compliance** | **nuqqas ta' konformità intenzjonali, nonkonformità intenzjonali** |
| | Ksur repetut tal-istess obbligu ta' **kundizzjonalità** [ IATE:930051 ] wara li l-bidwi jkun ga ġie avżat. | |

| | | |
|---|---|---|
| **3569814** | **negligent non-compliance** | **nuqqas ta' konformità negliġenti, nonkonformità negliġenti** |
| | **Nuqqas ta' konformità/nonkonformità** [ IATE:3568923 ] li tirriżulta min-**negliġenza** [ IATE:1085283 ] tal-benefiċjarju. | |

| | | |
|---|---|---|
| **3569860** | **repeated non-compliance** | **nuqqas ta' konformità ripetuta, nonkonformità ripetuta** |
| | **Nonkonformità** [ IATE:3568923 ] kkaratterizzata minn **riokkorrenza** [ IATE:3569811 ]. | |

| | | |
|---|---|---|
| **3569863** | **repetition** | **ripetizzjoni** |
| | Azzjoni ta' ripetizzjoni ta' att li ma jikkonformax mas-sistema ta' **kundizzjonalità** [ IATE:2242154 ].<br><br>**Nota dwar il-kunċett:** Ara wkoll: **rikorrenza** [ IATE:2149018 ] u **riokkorrenza/ okkorrenza mill-ġdid** [ IATE:3569811 ]. | |

| | | |
|---|---|---|
| **3569864** | **minor non-compliance, non-compliance of a minor nature** | **nonkonformità minuri, nonkonformità ta' natura minuri, nuqqas ta' konformità minuri, nuqqas ta' konformità ta' natura** |
| | **Nonkonformità/nuqqas ta' konformità** [ IATE:3568923 ] ta' severità, daqs u dewmien minuri. | |

| | | |
|---|---|---|
| **3569866** | **omission** | **omissjoni** |
| | Meta xi ħaġa li kellha ssir ma ssirx.<br><br>**Nota dwar il-kunċett:** Fi ħdan it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 jekk xi ħadd ma jagħmilx (assolutament) ċerti affarijiet li hu/hi kellu/kellha j/tagħmel, dan jirrappreżenta **nonkonformità/nuqqas ta' konformità** [ IATE:3568923 ] (mhux biss f'każijiet meta wieħed jagħmel xi ħaġa ħażina). | |

| | | |
|---|---|---|
| **3569870** | **incorrect classification** | **klassifikazzjoni skorretta** |
| | Rappurtar żbaljat minn Stat Membru ta' tranżazzjoni/event li jagħti lok għal pagament taħt il-**politika agrikola komuni** [ IATE:1173686 ].<br><br>**Nota dwar il-kunċett:** Jekk kien hemm rappurtar żbaljat (jiġifieri d-data ġiet irrappurtata 'bi żball' taħt kolonna oħra, ('klassi oħra'), jista' jkollu impatti finanzjarji li, jekk jiġu skoperti aktar tard, jeħtieġ li jiġu korretti. | |

| | | |
|---|---|---|
| **3569871** | **equivalent control** | **kontroll ekwivalenti** |
| | Kontroll li għandu l-istess effiċjenza/effett u/jew jagħti l-istess aċċertament tal-kontroll 'oriġinali'.<br><br>**Nota dwar il-kunċett:** Ara wkoll: **kontroll ta' kumpens** [ IATE:3569872 ]. | |

| | | |
|---|---|---|
| **3569872** | **compensating control** | **kontroll ta' kumpens** |
| | Kontroll li jipprova jikkumpensa (inaqqas l-effett/ir-riskju negattiv) il-konsegwenzi finanzjarji/ir-riskji li jirriżultaw min-nuqqas jew mid-dgħufija fil-kontroll 'oriġinali', iżda li qatt ma jkollu l-istess effiċjenza/effett u/jew jagħti l-istess aċċertament ta' dak oriġinali.<br><br>**Nota dwar il-kunċett:** Ara wkoll: **kontroll ekwivalenti** [ IATE:3569871 ]. | |

| | | |
|---|---|---|
| **748426** | **irregularity** | **irregolarità** |
| | Kwalunkwe ksur tal-liġi tal-Unjoni jew ta' liġi nazzjonali relatata mal-applikazzjoni tagħha, li jirriżulta minn att jew omissjoni minn operatur ekonomiku involut fl-implimentazzjoni tal-Fondi ESI li għandu, jew jista' jkollu, l-effett li jippreġudika l-baġit tal-Unjoni billi jitlob pagament għal element mhux ġustifikat ta' nefqa mill-baġit tal-Unjoni. | |

| | | |
|---|---|---|
| **748665** | **anomalous error** | **żball anomalu** |
| | Żball ta' natura eċċezzjonali li b'mod ċar ma jkunx rappreżentattiv tal-popolazzjoni. | |

| | | |
|---|---|---|
| **748211** | **legality and irregularity** | **legalità u regolarità** |
| | Verifika tan-nefqa ddikjarata lill-Kummissjoni li timplika l-verifika permezz ta':<br>i. operazzjonijiet: sal-istadju ta' validazzjoni (ir-riżultati tal-verifiki tal-eliġibbiltà permezz ta' verifiki amministrattivi u fuq il-post) u l-awtorizzazzjoni tal-pagament; u<br>ii. pagamenti: eżekuzzjoni tal-pagamenti, u kontabbiltà. | |

| | | |
|---|---|---|
| **748904** | **financial correction** | **korrezzjoni finanzjarja** |

| | | |
|---|---|---|
| **759902** | **authorisation of expenditure** | **awtorizzazzjoni tan-nefqa** |
| | Att li permezz tiegħu l-**uffiċjal tal-awtorizzazzjoni** [ IATE:791008 ], wara li jkun ivverifika li l-approprjazzjonijiet huma disponibbli, jagħti struzzjonijiet lill-uffiċjal tal-kontabilità, billi joħroġ ordni ta' pagament, biex iħallas ammont ta' nefqa li l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni jkun ivvalida.<br><br>**Nota dwar il-kunċett:** Ara wkoll: **validazzjoni tan-nefqa** [ IATE:1077820 ]. | |

| | | |
|---|---|---|
| **3569839** | **desk review** | **eżami dokumentarju, analiżi mhux fuq il-post** |
| | Tip ta' **kontroll ex-post** [ IATE:749591 ] li jikkonsisti minn verifiki fuq dokumenti li jsiru fl-uffiċċju.<br><br>**Nota dwar il-kunċett:** Il-kontra ta' **kontrolli/verifiki fuq il-post** [ IATE:3569787 ] li jitwettqu fil-post fejn isseħħ l-attività. | |

| | | |
|---|---|---|
| **768412** | **budgetary discipline** | **dixxiplina baġitarja** |
| | Meta wieħed jaċċerta li l-proporzjon tad-defiċit ippjanat jew attwali meta mqabbel mal-prodott domestiku gross ma jaqbiżx valur ta' referenza. | |

| | | |
|---|---|---|
| **791008** | **authorising officer** | **uffiċjal tal-awtorizzazzjoni** |
| | Uffiċjal li għandu jkun responsabbli, f'kull istituzzjoni, għall-implimentazzjoni tad-dħul u l-infiq skont il-prinċipji ta' amministrazzjoni finanzjajra soda u biex jiżgura li r-rekwiżiti tal-legalità u r-regolarità jkunu rispettati. | |

| | | |
|---|---|---|
| **1085283** | **negligence** | **negliġenza** |
| | **Nota dwar il-kunċett:** L-imġiba ġeneralment tikkonsisti minn azzjonijiet, iżda tikkonsisti wkoll minn omissjonijiet meta jkun hemm xi dmir li wieħed jieħu azzjoni. Ara wkoll: **irregolarità** [ IATE:748426 ] u **nuqqas** [ IATE:3568905 ] u nnota d-differenza bejn il-kunċetti. | |

| | | |
|---|---|---|
| **2215597** | **Committee on the Agricultural Funds** | **Kumitat dwar il-Fondi Agrikoli** |

| | | |
|---|---|---|
| **3522534** | **risk of material misstatement** | **riskju ta' dikjarazzjoni skorretta materjali** |
| | Ir-riskju li r-rapporti finanzjarji jkunu ddikjarati skorretti materjalment qabel l-awditu. | |

| | | |
|---|---|---|
| **2242154** | **cross-compliance, cross-compliance system** | **kundizzjonalità, sistema ta' kundizzjonalità** |
| | Sistema li fiha l-Istati Membri jimponu penali billi jnaqqsu jew jeskludu appoġġ li jkun ġie riċevut skont il-**politika agrikola komuni (PAK)** [ IATE:1173686 ] jekk ma jikkonformawx mar-rekwiżiti tal-ġestjoni statutorji skont il-liġi tal-Unjoni u l-istandards għal kundizzjoni tajba agrikola u ambjentali tal-art stabbiliti fil-livell nazzjonali, kif elenkat fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 b'rabta mal-oqsma li ġejjin:<br>(a) l-ambjent, it-tibdil fil-klima u l-kundizzjoni agrikola tajba tal-art;<br>(b) is-saħħa pubblika, tal-annimali u tal-pjanti;<br>(c) it-trattament xieraq tal-annimali.<br><br>**Nota dwar il-kunċett:** Ara wkoll: **sistema ta' kontroll tal-kundizzjonalità** [ IATE:3570406 ]. | |

| | | |
|---|---|---|
| **3569098** | **accreditation, accreditation of a paying agency** | **akkreditazzjoni, akkkreditazzjoni ta' aġenzija tal-pagamenti** |
| | Ir-riżultat ta' proċedura li tiżgura li **aġenzija tal-pagamenti** [ IATE:1078260 ] tkun konformi ma' ċerti kriterji minimi fil-livell tal-Unjoni li jkopru l-oqsma tal-ambjent intern, l-attivitajiet ta' kontroll, l-informazzjoni u l-komunikazzjoni, u l-monitoraġġ sabiex ikun hemm aċċertament raġonevoli li l-kontrolli meħtieġa twettqu qabel ma tingħata l-għajnuna tal-Unjoni lill-benefiċjarji fil-qafas tal-**FAEG** [ IATE:2114149 ] u l-**FAEŻR** [ IATE:933855 ].<br><br>**Nota dwar il-kunċett:** Ara wkoll: **(proċedura ta') akkreditazzjoni** [ IATE:3570408 ]. | |

| | | |
|---|---|---|
| **3536803** | **Treaty establishing the European Stability Mechanism, ESM Treaty** | **Trattat li jistabbilixxi l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà, Trattat dwar il-MES** |
| | **Nota dwar il-kunċett:** Iffirmat fi Brussell fil-11 ta' Lulju 2011 mill-Istati Membri li jiffurmaw iż-żona tal-euro (il-Belġju, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, Ċipru, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Portugall, is-Slovenja, is-Slovakkja u l-Finlandja). | |

| | | |
|---|---|---|
| **3540728** | **financial clearance of accounts, financial clearance procedure, financial clearance** | **approvazzjoni finanzjarja tal-kontijiet, proċedura tal-approvazzjoni finanzjarja, approvazzjoni finanzjarja** |
| | Proċedura għall-irkupru tan-nefqa ddebitata lill-iżvilupp agrikolu u rurali fejn il-Kummissjoni formalment taċċetta l-kontijiet annwali tal-**aġenziji tal-pagamenti** [ IATE:1078260 ] abbażi tal-ġestjoni tad-dikjarazzjonijiet u ċ-ċertifikati u r-rapporti mill-**korpi taċ-ċertifikazzjoni** [ IATE:3501592 ].<br><br>**Nota dwar il-kunċett:** Ara wkoll: **approvazzjoni tal-kontijiet** (kunċett usa') [ IATE:1126973 ] u **approvazzjoni tal-konformità** (tal-kontijiet) (kunċett relatat) [ IATE:2232459 ]. | |

| | | |
|---|---|---|
| **3544578** | **tolerable misstatement** | **dikjarazzjoni skorretta tollerabbli** |
| | Ammont monetarju stabbilit mill-awditur u li skontu l-awditur ifittex li jikseb livell ta' aċċertament xieraq li l-ammont monetarju stabbilit mill-awditur ma jinqabiżx mid-dikjarazzjoni skorretta stess fil-popolazzjoni. | |

| | | |
|---|---|---|
| **3547753** | **Regulation on the financial rules applicable to the general budget of the Union, Financial Regulation, FR** | **Regolament dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, Regolament Finanzjarju, RF** |
| | Regolament li jistabbilixxi l-prinċipji operattivi u r-regoli bażiċi li jirregolaw il-baġit tal-UE. Jittratta bir-reqqa l-implimentazzjoni tal-baġit u l-kwistjonijiet ta' kontroll, li mhumiex koperti bis-sħiħ fit-Trattati tal-UE. | |